DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Mejju 2009

dwar l-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2012

(2009/400/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,

Wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord tal-Għażla tal-5 ta' Novembru 2008 ppreżentat lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 14 (2) tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE,

Filwaqt li qies li l-kriterji msemmija fl-Artikolu 14 (3) tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE intlaħqu għal kollox,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni tat-8 ta' April 2009,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Guimarães u Maribor huma nnominati bħala "Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2012" skont l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Mejju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

M. KOPICOVÁ

[1] ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.